**17 ta' Diċembru, 1965.**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. J. J. Cremona, B.A., LL.D., D. Litt. (Rome) B.A. Hons. (London.) Ph.D. (Lond.) F.R.Hist. A/President.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**
**Onor. Prof. Jos. Henry Xuereb, LL.D.**

Francesco Bezzina

*versus*

Grazia Mula u Giuseppe Schembri

**Kompetenza — Meta l-Konvenuti huma tnejn jew aktar — Art. 37(3) Kodiċi ta' Proċedura.**

*F'każ fejn ikun hemm pluralita ta' konvenuti fl-istess kawża, li xi whud minnhom ikunu ġudikabbli taht il-ġurisdizzjoni ċivili, u ohrajn taht il-ġurisdizzjoni kommerċjali, il-kawża ghanda tiġi trattata relativament ghal konvenuti kollha taht il-ġurisdizzjoni ċivili.*

*Fil-każijiet fejn tirrikorri l-applikazzjoni tal-art. 37(3) Kap. 15, li ma fikkontieni ebda preċett legali dwar l-ipotesi ta' pluralita ta' konvenuti li ghalihom l-att li fuqu hi l-kawża jkun ċivili u kummerċjali rispettivament — ghanda tkun kompetenti ghall-konvenuti kollha l-Qorti, ċivili jew kommerċjali, li tkun ġiet adita. Dan ghandu japplika indipendentement mill-kwistjoni ta' maġġoranza.*

Il-Qorti,

Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti

kollha opportuni, premess illi l-attur ippresta s-servigi tiegħu li wasslu lill-konvenuti għall-iskrittura privata tat-tnejn ta' Novembru, 1962, annessa maċ-ċitazzjoni bħala Dok. A; li in forza tagħha l-konvenut Grazio Mula obbliga ruħu li jikkonċedi b'titolu ta' enfitewsi perpetwa u l-konvenut Giuseppe Schembri obbliga ruħu li jakkwista bl-istess titolu ta' enfitewsi perpetwa r-razzett tal-Pali bir-raba mieghu ta' ċirka erbat itmien, li qiegħed il-Magħtab fil-limiti tal-Għargħur, imiss min-nofs in-nhar mat-triq tal-Magħtab, versu ċ-ċens ossija kanone ta' ħamsin lira (£50) fis-sena, u billi l-att relativ ma sarx bejn il-konvenuti minħabba li nqala xi dissidju bejniethom u għalhekk huma rrifjutaw li jikkompensaw lill-attur għas-servizi minnu resi, — talab illi (i) minn din il-Qorti jigi likwidat l-ammont dovut lill-attur bħala senserija jew kumpens tas-servigi minnu prestati lill-konvenuti in konnessjoni ma' l-imsemmija konċessjoni enfitewtika perpetwa (ii) il-konvenuti jigu kundannati in solidum jew min minnhom iħallsu lil-attur dik is-somma li minn din il-Qorti tigi likwidata bħala senserija jew kumpens għas-servigi msemmija, bl-ispejjes u bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenut.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Giuseppe Schembri li biha eċċepixxa preliminarjament l-inkompetenza tal-Qorti "ratione materiae", u subordinatament u fil-meritu illi t-talbiet attriċi huma, in kwantu diretti kontra l-eċċipienti, fid-dritt u fil-fatt nfondati stanti li l-kuntratt definitiv ma sarx għaliex il-konvenut l-ieħor ma riedx jikkonċedi l-art in kwistjoni b'titolu ta' enfitewsi lill-esponent, imma ried li t-trasferiment isir b'titolu ta' bejgħ, — u dana jafu l-istess attur li kien ipprova jikkonvinċi lill-esponenti li jieħu l-art in kwistjoni b'xiri.

. . . OMISSIS . . .

Rat d-deċiżżjoni ta' dik il-Qorti tas-sitta u għoxrin ta'

Ġunju, 1965 li biha laqgħet l-eċċezzjoni tal-inkompetenza "ratione materiae" sollevata mill-konvenut Schembri u ddikjarat ruħha nkompetenti li tieħu konjizzjoni tal-kawża bl-ispejjeż kontra l-attur, wara li dwar l-istess eċċezzjoni kkunsidrat:—

Din l-eċċezzjoni ma ġietx mogħtija wkoll mill-konvenut l-ieħor Grazio Mula; illi qal li sa sitt xhur qabel ma ta d-deposizzjoni tiegħu fis-seduta tad-dsatax ta' Mejju, 1965 kien jaħdem fir-raba mqabbel għandu jew proprjeta tiegħu, imma ma baqax għaliex weġġa; u ħafna snin qabel kien jaħdem fl-irfiegħ tal-ġebel.

Il-konvenut Giuseppe Schembri huwa kummerċjant peress li abitwalment jinnegozzja fl-artijiet, kif xehed li jagħmel l-istess attur, li ilu jafu snin kbar. Fl-iskrittura tat-tnejn ta' Novembru, 1962 relativa għat-transazzjoni li tat lok għal din il-kawża u li ġiet iffirmata quddiem Nutar mit-tlett kontendenti, l-konvenut Schembri huwa kkwalifikat bħala li hu "fil-kummerċ".

L-obbligazzjoni naxxenti minn dik l-iskrittura hija ndubbjament obbligazzjoni kummerċjali in kwantu għall-konvenut Schembri indipendentement mill-kwalita ta' l-attur, għaliex skond l-art. 7 tal-Kodiċi tal-Kummerċ: "Kull att ta' Kummerċjant jitqies li hu att kummerċjali meta mill-att stess ma jkunx jidher li hu m'għandux x'jaqsam mal-kummerċ."

Skond l-Art. 37(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazjoni u Proċedura Ċivili: "Jekk l-att li fuqha tkun il-kawża hu kummerċjali għall-konvenut biss, kull azjoni li titnissel minnu tmiss lill-Qorti tal-Kummerċ."

Il-konvenut l-ieħor, li ma ddeklinax il-kompetenza, ma

ġiex stabilit li huwa kummerċjant, u ma huwiex pruvat li l-att għalih huwa att tal-kummerċ. Għalhekk għandu jiġi deċiż jekk il-kawża taqax taħt il-kompetenza ta' din il-Qorti jew le, stanti li hemm żewġ konvenuti, wieħed li rigward tiegħu l-att huwa kummerċjali u l-ieħor le.

Peress illi l-azzjoni ta' l-attur hija magħmula kontra żewġ konvenuti illi l-atti tagħhom huma inseparabili għall-finijiet ta' azzjoni, huma anki inseparabili għall-finijiet tal-azzjoni l-persuni ta' dawk il-konvenuti, ġa la darba l-attur ikun għażel li jazzjonahom it-tnejn. Għalhekk f'dan il-każ għandha tkun kompetenti Qorti waħda biss biex tieħu konjizzjoni ta' l-azzjoni proposta mill-attur. Jekk l-att tal-konvenut li mhux kummerċjant huwa kollegat ma l-att tal-konvenut li huwa kummerċjant, il-Qorti kompetenti hija l-Qorti tal-Kummerċ (Ara: Kummerċ sitta ta' Ġunju, 1952: Gpe. Vella-Gatt nomine vs. Gne. Darmanin, et. Kollez, Vol. XXXVI, III, 658 u Appell 28 ta' Frar, 1964: Joseph Zammit vs. George Borg et.).

Rat ir-rikors li bih l-attur talab li din il-Qorti tiddeċiedi definitivament liema hija l-Qorti kompetenti.

Rat ir-risposta tal-konvenut Grazio Mula li biha ddikjara li jirrimetti ruħu għall-ġudizzju ta' din il-Qorti fil-waqt li rrileva illi, billi l-eċċezzjoni ma ġietx sollevata minnu, huwa fi kwalunkwe każ m'għandux ibati l-ispejjeż ta' dan l-inċident.

Rat l-attijiet kollha tal-kawża.

Semgħet lid-difensuri.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti taqbel mal-ewwel Onorabbli Qorti illi l-att li fuqu hi l-kawża hu kummerċjali għall-wieħed mill-konvenuti u ċivili għall-ieħor, imma bir-rispett ma taqbilx mal-konklużżjoni tratta minn dan li stat għar-rigward tad-determinazzjoni tal-kompetenza "ratione materiae".

Illi għalkemm il-kwistjoni tal-kompetenza f'każi simili mhux ġdida, mhux dejjem ġiet risoluta l-istess. Riċentement din il-Qorti, f'każ simili ("Grima vs. Kelly", sentenza tat-30 ta' Ġunju, 1964) kellha okkażżjoni tikkunsidra l-kwistjoni u, wara li irriferiet għad-deċiżżjoni ta' din il-Qorti tas-sebgħa ta' Mejju, 1859 fil-kawża "Spiteri vs. Fenech" (koll. 1858-60, pp. 229,230) u qalet li mhux dejjem din ġiet interpretata sewwa; għaddiet biex sostanzjalment tikkonkludi illi f'każ bħal preżenti fejn ikun hemm pluralita ta' konvenuti fl-istess kawża li x'uħud minnhom ikunu ġudikabbli taħt il-ġurisdizzjoni ċivili u oħrajn taħt l-ġurisdizzjoni kummerċjali, il-kawża għandha tiġi trattata relatvament għall-konvenuti kollha taħt il-ġurisdizzjoni ċivili. Għalhekk fuq il-bażi ta' dak li ġie deċiż fl-imsemmija sentenza, li l-kwistjoni fiha nvoluta f'dan ir-rigward mhux dissimili minn dik involuta fil-każ preżenti, il-Qorti kompetenti kienet tkun dik ċivili.

Illi din il-Qorti, pero, tħoss fi kwalunkwe każ illi hu xieraq u sewwa li tiġi kkunsidrata ampjament il-kwistjoni tal-applikazzjoni tal-artiklu 37(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazjoni u Proċedura Ċivili f'każijiet fejn l-ipotesijiet hemm kontemplati jirrikorru kumulativament għar-rigward ta' pluralita ta' konvenuti fl-istess kawża, fid-dawl tat-tendenza prevalenti ta' simplifikazzjoni f'materja ta' komptenza u f'din ir-rigward tissimplifika l-kwistjoni mingħajr b'hekk ma tissagrifika l-liġi sabiex jiġi, kemm jista' jkun u kompatibilment mal-istat preżenti tal-liġi, evitat ċertu palleġ-

ġament ta' kompetenza l jġib miegħu dewmien, inċertezzi u spejjeż.

Illi għalhekk din il-Qorti hi tal-fehma — u tirrileva li qegħda timxi fuq din il-bażi — illi fil-każijiet fejn tirrikorri l-applikazzjoni tal-artikolu 37(3) fuq imsemmi — li ma jikkontieni ebda preċett legali dwar l-ipotesi ta' pluralità ta' konvenuti li għalihom l-att li fuqu hi l-kawża jkun ċivili u kummerċjali rispettivament — għandha tkun kompetenti għall-konvenuti kollha l-Qorti, ċivili jew kummerċjali, li tkun ġiet adita b'mod li dik il-Qorti ma tistax tkun deklinata taħt dan l-aspett. Dan għandu japplika indipendentement mill-kwistjoni tal-maġġoranza fost il-konvenuti, għax l-analoġija mal-artikolu 769 tal-Kodiċi ta' Organizzazjoni u Proċedura Ċivili, applikata f'xi sentenzi ta' dawn it-tribunali, ma tantx, bir-rispett kollu, tidher li hi rilevanti, anki għal dik li hi bażi ġuridika. Del resto anki fl-ipotesi tal-art. 770 tal-istess Kodiċi, fejn l-element tal-akbar konvenjenza tal-konvenuti (konness mad-disposizzjoni tal-art. 769) jiġi nieqes imħabba parità fin-numru tal-konvenuti, allura l-liġi tissanċixxi wkoll ir-regola illi, la darba tkun ġiet adita Qorti li tkun kompetenti biex tieħu konjizzjon tal-każ, il-Qorti hekk adita mill-attur tkun kompetenti għall-konvenuti kollha u ħadd minnhom ma jista jiddeklinha. Fuq il-prinċipju fuq espost, li fil-fehma tal-Qorti hu dak li għandu jirregola l-materja, il-Qorti Ċivili, li hi l-Qorti adita mill-attur u li fil-każ preżenti hi Qorti kompetenti għar-rigward ta' wieħed mill-konvenuti, ma tistax tiġi deklinata.

Għal motivi premessi din il-Qorti tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Qorti preċitata fis-sitta u għoxrin ta' Ġunju, 1965, tiddikjara u tiddeċiedi indefinittiva illi dik l-istess Qorti hi kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża u tordna li l-atti tal-istess kawża jiġu mibgħuta lura lilha biex tkompli tismagħha u tiddeċidiha.

L-ispejjeż tal-inċident jitħallsu mill-konvenut Giuseppe Schembri.